MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2017

Rikors Maħluf Numru 316/15LM

**Carol Ann Paulsen Grima (K.I. 385207L) u**
**Linda Theresa Isabel Grima (K.I. 341206L)**

***vs.***

**Anna Reitzia Grima (K.I. 277799M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-8 ta' April, 2015 mill-atturi **Carol Ann Paulsen Grima u Linda Theresa Isabel Grima** (minn issa 'l quddiem "l-atturi"), li jgħid kif ġej:

> *Illi l-esponenti huma wlied il-mejjet Joseph Grima li miet fis-sbatax (17) ta' Jannar elfejn u ħmistax (2015)[1];*

[1] Ċertifikat tal-mewt, *a fol.* 4.

*Illi l-imsemmi Joseph Grima kien miżżewweġ darbtejn u l-esponenti huma wlied mill-ewwel żwieġ tal-mejjet;*

*Illi l-mejjet Joseph Grima ma kellux tfal mill-intimata li tiġi t-tieni mara tal-mejjet;*

*Illi mir-riċerki testamentarji jidher li l-eredità tal-mejjet Joseph Grima hija regolata permezz ta' testment ippublikat fl-atti tan-Nutar Dr John Gambin datat tmienja (8) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa (2009)*[2]*;*

*Illi fl-imsemmi testment Joseph Grima jħalli bħala eredi tal-ġid tiegħu hawn Malta lil martu Anna Reitzia Grima l-konvenuta f'dina l-kawża;*

*Illi l-esponenti diġà interpellaw lill-intimata permezz ta' ittra uffiċjali sabiex hija tagħti l-leġittima dovuta lillhom skont il-liġi però hija baqgħet inadempjenti u għaldaqstant l-atturi kellhom jippreżentaw dina l-kawza;*

*Għaldaqstant, l-esponenti qegħdin jgħidu, lill-konvenuta għaliex din il-Qorti Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

1. *Tikkundanna lill-konvenuta tħallas il-leġittima dovuta lilhom skont il-liġi*

2. *Bl-ispejjeż kollha inkorsi mill-esponenti, inkluz tal-ittra uffiċjali, sal-eventwali pagament tal-leġittima.*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li hija nġunta sabiex tidher in subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuta **Anna Reitizia Grima** (minn issa 'l quddiem "il-konvenuta") li ġiet ippreżentata fit-28 ta' Lulju, 2015, li biha eċċepiet:

1. *Illi mingħajr preġudizzju, ir-rikors ġuramentat promotur huwa null billi, fil-premessi tonqos il-kawżali illi t-testment imqiegħed abbażi tal-pretensjonijiet attriċi huwa fil-fatt it-testment li jirregola s-suċċessjoni tad-decujus Joseph Grima. Tonqos ukoll il-prova dokumentarja relativa, ċioè r-riċerki testamentarji;*

2. *Illi, mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni preċedenti, l-atturi naqsu milli jintavolaw domanda speċifika li permezz tagħha jitolbu l-likwidazzjoni tal-wirt*

[2] *A fol.* 5 u 6.

*tad-decujus Joseph Grima, liema domanda hija preordinata u neċessarja sabiex eventwalment setgħet tiġi stabbilita l-leġittima li tifforma l-meritu tad-domanda numru waħda tal-atturi. Illi minħabba f'dan, l-istanza hi proċeduralment insostenibbli u irritwali u għalhekk għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra l-atturi;*

3. *Illi, mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti, il-pretensjonijiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-atturi;*

4. *Illi, mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti, fil-meritu għal kull buon fini, għall-iskopijiet partikolari ta' din il-kawża, u għal kull fini u effett tal-liġi, jiġi dikjarat illi rriżulta lill-eċċipjenti illi l-atturi rċevew mingħand id-decujus beni, benefiċċji u ammonti sostanzjali, kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

5. *Illi, mingħajr preġudizzju għall-premess, l-intimata qatt ma ċaħdet lill-atturi li jieħdu l-leġittima spettanti lilhom* (recte) *skont il-liġi bir-regoli applikabbli għall-każ sabiex tiġi stmata din il-leġittima u l-intimata kienet qed tistenna dokumenti relattivi għal transazzjoni ta' donazzjonijiet mogħtija mid-decujus sabiex tkun tista' jiġi stabbilit is-sehem spettanti lill-atturi, però l-atturi inaspettatament istitwew dina l-kawża, u għalhekk l-intimata ma għandhiex tbati l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri;*

6. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Għaldaqstant, permezz tal-preżenti l-esponenti, titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet tal-atturi, bl-ispejjeż kontra l-istess atturi li huma minn issa inġunti in subizzjoni.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-3 ta' Mejju, 2017 fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jiskambjaw noti ta' sottomissjonijiet.

Rat id-digriet tagħha tal-25 ta' Settembru, 2017 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti tas-sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

L-atturi Carol Anna Paulsen Grima u Linda Theresa Grima, iż-żewġ ulied mill-ewwel żwieġ tad-decujus Joseph Grima (minn issa 'l quddiem "id-decujus"), qegħdin jitolbu lill-konvenuta Anna Reitizia Grima, it-tieni mara ta' missierhom u l-unika werrieta tiegħu skont l-aħħar testment tiegħu, tħallashom il-leġittima li skont huma hija dovuta lilhom mill-wirt ta' missierhom abbażi tal-artikoli 615 u 616 tal-Kodiċi Ċivili.

Il-konvenuta, Anna Reitzia Grima, apparti l-eċċezzjonijiet ta' natura formali u proċedurali, qiegħda teċċepixxi wkoll l-infondatezza tat-talbiet attriċi fil-fatt u fid-dritt u speċifikatament issostni li d-decujus kien ta beni u ammonti sostanzjali ta' flus lill-atturi permezz ta' donazzjonijiet u l-konvenuta kienet qed tistenna dokumenti relattivi dwar dawn id-donazzjonijiet biex tkun tista' tiġi kkalkulata l-leġittima, imma inaspettatament l-atturi istitwew dina l-kawża u għalhekk m'għandhiex tbati spejjeż.

**Provi u riżultanzi**

L-attriċi **Carol Ann Paulsen Grima** fix-xhieda tagħha tirrakkonta[3] kif il-ġenituri tagħha kienu jgħixu l-Ingilterra u wara kienu marru l-Afrika t'Isfel, fejn missierha fetaħ *business* bil-pompi tal-*petrol* u tiswija ta' vetturi. Meta l-ġenituri tagħha ddivorzjaw, hi u oħtha baqgħu viċin ħafna taż-żewġ ġenituri tagħhom u wara l-mewt ta' ommhom, meta missierhom irritorna lura Malta mat-tieni mara tiegħu l-konvenuta, anki huma kienu ġew Malta. L-atturi baqgħu viċin ħafna ta' missierhom, tant li fi snin reċenti meta missierhom u l-konvenuta kienu f'diffikultà finanzjarja, kienu ser jagħmlu kuntratt sabiex imantnu lil missierhom u lil martu sakemm imutu, b'dan li jekk missierhom u l-mara tiegħu jbiegħu l-proprjetà li kellhom Malta, l-flus li jkunu tawhom l-atturi jiġu restitwiti mir-rikavat tal-bejgħ tal-proprjetà. Carol Ann Paulsen Grima tgħid illi dan ma kienx seħħ, però hi u oħtha xorta bdew imantnu lil missierhom u lil martu b'pagamenti mensili għal ċertu żmien.

Carol Ann Paulsen Grima tispjega li hi u oħtha istitwew dina l-kawża għax kienu ċerti li missierhom kellu ammont sostanzjali ta' *savings* u għalkemm ippruvaw jaslu amikevolment mal-konvenuta u jħalluha tgħix fl-appartament li kellha ma' missierhom f'Malta, riedu li jekk tbiegħ l-appartament huma jidhru fuq il-kuntratt biex jissalvagwardjaw sehemhom. Carol Ann Paulsen Grima tgħid li sa fejn taf hi fl-Afrika t'Isfel missierhom kellu biss kont ta' xi €500. Is-sitwazzjoni ppreċipitat meta l-konvenuta qaltilhom li hi ma kinitx tirrikonoxxihom bħala parti mill-familja tagħha u kienet ser tħalli kollox lill-familja tagħha u mhux lilhom.

---

[3] Affidavit *a fol.* 18 u 19.

Meta xehdet in kontroeżami Carol Ann Paulsen Grima[4] nnegat dak li qalet il-konvenuta li meta kienu għadhom l-Afrika t'Isfel, missierha kien għenha biex tixtri *farm*[5] u reġgħet ikkonfermat li hi u oħtha kienu qed imantnu kemm lil missierhom u anki lill-konvenuta u li waqfu dan il-manteniment wara li miet missierhom.

L-attriċi **Linda Theresa Isabelle Grima**[6] fl-affidavit tagħha sempliċement tikkonferma l-affidavit ta' oħtha u żżid tgħid li tant kienet viċin ta' missierha li kienet saħansitra taħdem miegħu fil-*businesses* li kellu.

Il-konvenuta **Anna Reitzia Grima** ġiet prodotta in subizzjoni mill-atturi biex tesebixxi dokumentazzjoni dwar l-assi tad-decujus kemm f'Malta kif ukoll barra.[7] Il-konvenuta esebiet dokumentazzjoni dwar kont bankarju tal-HSBC Bank Malta plc f'isem id-decujus, li qabel ma għalqitu kellu bilanċ ta' €1,996.85[8] u qalet li użat dawn il-flus għall-ispejjeż tal-funeral.[9] Il-konvenuta esebiet ukoll kopja tal-kuntratt tal-bejgħ tal-appartament li hi u d-decujus kellhom Malta[10], bl-indirizz *flat* 3, Solar Mansions, Carmel Street, San Ġiljan, b'garaxx *basement level,* li nbiegħ fit-22 ta' April, 2015 għall-prezz ta' €175,000. Fil-fatt mir-riċerki li saru l-Insinwa mill-atturi[11], jirriżulta li fit-22 ta' April, 2015 l-konvenuta kienet biegħet il-post fuq imsemmi u b'kuntratt ieħor tas-7 ta' Mejju, 2015 xtrat post ieħor San Ġiljan bil-prezz ta' €90,000.

---

[4] *A fol.* 120A sa 120B.
[5] Proprjament il-konvenuta xehdet li l-flus għall-*farm* kienu ngħataw lil oħtha, però skont il-konvenuta lilha wkoll tawha somma identika li taw lil oħtha. L-avukat difensur tal-konvenuta però staqsa lill-attriċi Carol Ann Paulsen Grima jekk missierha kienx għenha biex tixtri *farm* fl-Afrika t'Isfel.
[6] *A fol.* 20.
[7] *A fol.* 50 u 51, 53 u 54 u 66 u 67.
[8] Ara *statements a fol.* 68 sa 70.
[9] *A fol.* 63.
[10] *A fol.* 55 sa 64.
[11] *A fol.* 74 sa 79.

Mix-xhieda ta' **Audrey Ghigo**, rappreżentanta ta' HSBC Bank Malta plc u mid-dokumenti li ppreżentat[12], jirriżulta li l-kont imsemmi mill-konvenuta fix-xhieda tagħha (016-105587-001), qabel ma ngħalaq kellu bilanċ ta' €1,996.85 u effettivament sa qabel ma miet d-decujus fis-17 ta' Jannar, 2015 kien hemm bilanċ ta' €2,561.85, li niżel għal €1,996.85 sal-20 ta' Jannar, 2015. Minn dan l-i*statement* jidher li kienu saru xi depożiti f'dan il-kont mill-atturi mill-10 ta' Settembru, 2014 sat-2 ta' Jannar, 2015 konsistenti f'ħames pagamenti ta' €300 il-wieħed mill-attriċi Linda Theresa Isabel Grima u żewġ pagamenti ta' €900 il-wieħed mill-attriċi Carol Ann Paulsen Grima.

Il-konvenuta **Anna Reitzia Grima** fid-dikjarazzjoni tal-fatti annessa mar-Risposta Maħlufa tagħha ddikjarat[13] li kienet f'pożizzjoni li tressaq provi illi tul iż-żwieġ tagħha mad-decujus dan kien għamel diversi donazzjonijiet lill-atturi, fosthom permezz ta' trasferiment ta' flejjes mill-kont bankarju tiegħu għal dawk ta' wliedu. Il-konvenuta żiedet tgħid li meta hi u żewġha kienu f'diffikultà finanzjarja, l-atturi għamlu diversi maniġġi biex l-appartament tagħha u ta' żewġha jinqaleb fuqhom. Fil-fatt waqt li kienu għaddejjin minn dawn id-diffikultajiet finanzjarji, hi u żewġha ddeċidew li jbiegħu l-appartament li kellhom u jixtru post iżgħar. Hi hu żewġha kienu ffirmaw konvenju għall-bejgħ tal-appartament, però mbagħad żewġha laħaq miet. Il-konvenuta ppreżentat kopja tad-dikjarazzjoni *causa mortis* datata 22 ta' April, 2015 tal-assi tad-decujus[14] li kienu jikkonsistu f'nofs indiviż tal-appartament imsemmi b'garaxx *basement level,* li ġie stmat li jiswa €87,500. Il-konvenuta temmet d-dikjarazzjoni tagħha tal-fatti billi qalet li meta rċeviet ittra uffiċjali mingħand l-atturi, hi infurmathom li kienet ser tkellem lil rappreżentant tal-

[12] *A fol.* 82 sa 111.
[13] *A fol.* 36 u 37.
[14] *A fol.* 40 sa 42.

bank fl-Afrika t'Isfel biex tara kemm kien għaddielhom flejjes missierhom, però l-atturi xorta qabdu u istitwew il-kawża.

Meta l-konvenuta Anna Reitzia Grima xehdet minn jeddha[15], qalet li kienet iżżewġet lil Joseph Francis Grima fl-Afrika t'Isfel fl-1983 u ssemmi li meta kienu għadhom hemmhekk, Linda, it-tifla il-kbira kienet talbet lil missierha xi flus biex tixtri *farm* hemmhekk u kien ta nofs il-prezz tal-*farm*, madwar 180,000 Rands li dak iż-żmien kienu ekwivalenti għal madwar Lm18,000. Il-konvenuta tgħid li l-*farm* kien f'Kaytan, Philadelphia, l-Afrika t'Isfel. Il-konvenuta tgħid li kienu ġew Malta fl-1997 u fuq suġġeriment tagħha, żewġha kien ta l-istess ammont ta' Lm18,000 lil bintu l-oħra Carol. Il-konvenuta tgħid li dawn il-ħlasijiet kienu saru b'trasferimenti mill-First National Bank tal-Afrika t'Isfel, però ma kiex għad għandha dokumentazzjoni ta' dawn it-traferimenti u kellhom isibuhomlha mill-arkivji tal-bank. Meta ġew Malta, hi u żewġha kellhom somma konsiderevoli ta' flus u kienu xtraw proprjetà Malta, iżda wara 20 sena spiċċawlhom il-fondi. Il-konvenuta u żewġha kienu ser jbiegħu l-appartament tagħhom u jixtru ieħor iżgħar u wara li miet żewġha fil-fatt hekk għamlet.

In kontroeżami l-konvenuta qalet li ser tipprova ġġib provi tal-flejjes li kien ta r-raġel tagħha lil uliedu l-atturi, però dawn il-provi baqgħu ma tressqux. Il-konvenuta ammettiet li f'mumenti ta' diffikultà finanzjarja, l-atturi kienu qed jgħinuhom bi ħlas ta' €300 fix-xahar, iżda qalet li dan kien biss għal xi tliet xhur.[16]

---

[15] *A fol.* 113 sa 118 u sarilha kontroeżami *a fol.* 114 sa 118.

[16] Imma skont l-i*statements* esebiti mir-rappreżentanta ta' HSBC Bank Malta plc, l-ammonti mogħtija mill-atturi lil missierhom u l-mara tiegħu kienu iżjed minn hekk.

**Kunsiderazzjonijiet legali**

Fl-ewwel lok din il-Qorti ser tikkunsidra l-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuta, (i) dik tan-nullità tar-Rikors Maħluf peress li hija nieqsa l-prova dokumentarja permezz tar-riċerki testamentarji li juru li t-testment esebit mill-atturi hu t-testement li effettivament jirregola s-suċċessjoni ta' missierhom u (ii) dik tal-irritwalità u tal-insostenibbiltà proċedurali għax it-talba tal-atturi għal-leġittima ma ġietx preċeduta b'talba għal-likwidazzjoni tal-wirt tad-decujus.

Skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna biex in-nuqqas iwassal għan-nullità ta' att gudizzjarji, hemm bżonn li jkun tali li ma jistax jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali.[17] Difett proċedurali ma jġibx in-nullità tal-att jekk il-parti l-oħra ma tbatix xi preġudizzju serju.[18] Biex jiġi dikjarat null rikors maħluf u jitwaqqaf il-kors tiegħu, jinħtieġ li jkunu jikkonkorru raġunijiet gravi, fosthom nuqqasijiet ta' evidenti preġudizzju għad-difiża tal-konvenut.[19] Il-Qrati tagħna mhumiex favur il-formaliżmu esaġerat u fejn jistgħu, isalvaw l-atti u mhux jannullawhom. "Il-prassi segwita mill-Qrati tagħna, anke a bażi tal-emendi introdotti bl-Att XXIV tal-1995, inkluż l-artikolu 175 tal-Kap. 12, hija li formaliżmu esaġerat ilu ħafna li ġie mnaqqas u limitat u bir-raġun il-liġi qiegħda tkun aktar inklinata li tkompli tillimita l-formaliżmu u n-nullitajiet ta' diversi forom li jnutruh."[20]

[17] Ara **Emanuel Ellul *vs*. Agnese Gera de Petri**, Appell Ċivili Superjuri, 21.04.1995.
[18] Ara **Michael Attard *vs*. Raymond Galea,** Appell Ċivili Superjuri, 12.05.1998.
[19] Ara **Francis Xavier *sive* Mose Aquilina *vs*. Carmela *sive* Lina Aquilina**, Appell Ċivili Superjuri, 21.03.1988.
[20] **Charles Fino *vs*. Alfred Fabri *noe,*** Q.A., 28.02.1997; **Malta Development Corporation *vs*. Paul Licari,** P.A., 22.04.2004; **Maurizio Urso *vs*. Fr. Charles Cini**, P.A., 19.01.1999; **Ellul *vs*. Coleiro,** – Q.A., 24.01.1994; **Guillaumier Industries Ltd *vs*. Fava *et*,** P.A., 28.10.1998; **Attard *noe vs*. Galea,** Q.A., 12.05.1998; u **Aquilina *vs*. Cassar**, Vol.LXXVI.IV.666.

Fil-kawża fl-ismijiet **Vella *vs.* Cefai**[21] l-Qorti tal-Appell sostniet li meta fl-att taċ-ċitazzjoni jkun hemm vjolazzjoni tal-forma, l-eċċezzjoni tan-nullità taċ-ċitazzjoni tista' tiġi milqugħa biss kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet lill-parti li titlob in-nullità preġudizzju li ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat. Inoltre l-Qorti kompliet tafferma li f'dawn il-każi huwa dejjem opportun li l-Qorti, kemm jista' jkun għall-prattiċità u sabiex tiġi evitata multiplikazzjoni ta' kawżi u spejjeż żejda, għandha tkun iebsa meta tilqa' l-eċċezzjoni tan-nullità u kemm jista' jkun għandha ssalva atti ġudizzjarji. Att ta' ċitazzjoni għandu jiġi mwaqqa' u annullat biss għal raġunijiet gravi. In-nullità tal-atti ġudizzjarji hija sanzjoni estrema li l-liġi trid li tiġi imposta biss meta n-nuqqas – formali jew sostanzjali – fl-att ma jistax assolutament jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali.[22]

Fuq kollox hemm ipprovdut fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili l-artikolu 789, li fl-ewwel subartikolu tiegħu jgħid:

> "789. (1) L-eċċezzjoni ta' nullità tal-atti ġudizzjarji tista' tingħata -
>
> (a) jekk in-nullità hija iddikjarata mil-liġi espressament;
>
> (b) jekk l-att jinħareġ minn qorti mhux kompetenti;
>
> (ċ) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat;
>
> (d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi:

[21] Appell Ċivili, 04.11.1991, Vol.LXXV.II.467.

[22] Ara wkoll sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-06.02.2015 fl-ismijiet **S.M.T. Developers Limited u Bathroom Styles Limited *vs.* Soap and Sponge Limited**.

> Iżda dik l-eċċezzjoni ta' nullità kif maħsuba fil-paragrafi (a), (ċ), u (d) ma tkunx tista' tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull disposizzjoni oħra tal-liġi."

Illi kwantu għall-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta, il-konvenuta nnifisha bl-ebda mod ma kkontestat li l-aħħar testment tad-decujus huwa dak li effettivament l-atturi ppreżentaw kopja tiegħu flimkien mar-Rikors Maħluf tagħhom.[23]

L-istess jista' jingħad dwar it-tieni eċċezzjoni. Fin-nota ta' sottomissijonijiet tal-atturi isir riferiment għall-kawża fejn ingħataw eċċezzjonijiet simili ħafna għal dawn odjerni, fl-ismijiet **Dorothy Baldacchino noe *vs.* Joseph Vella et**, fejn ingħad fis-sentenza[24]:

> "Fit-tielet lok il-konvenuti qed jeċċepixxu li ċ-ċitazzjoni hi nulla peress li tonqos il-kawżali li t-testment de quo hu in effett it-testment li jirregola is-suċċessjoni tal-mejjet Fortunato Vella u inoltre jonqsu l-provi dokumentarji f'dan ir-rigward. Inoltre l-attriċi nomine naqset li tindika fuq liema artikolu tal-Kodiċi Ċivili qed tibbaża l-pretensjonijiet tagħha u dan irendi ċ-ċitazzjoni irritwali;
>
> F'dan ir-rigward għandu jiġi rilevat li hu ovvju li l-attriċi *nomine* qed tippretendi li l-wirt tad-decuius hu regolat mit-testment imsemmi fiċ-ċitazzjoni. Ma kienx hemm għalfejn li l-attriċi tippresenta maċ-ċitazzjoni f'dan ir-rigward ir-riċerki tat-testmenti pubbliċi u sigrieti tad-decuius. Jekk jinqala' l-bżonn l-attriċi nomine għad tista' tippresenta tali dokumenti fl-istadju tal-provi. In-nuqqas tal-produzzjoni ta' dawn id-dokumenti maċ-ċitazzjoni żgur li ma jrendix nulla l-istess ċitazzjoni. Anke f'dan ir-rigward jekk il-konvenuti għandhom xi provi x'jagħmlu huma ser ikollhom kull opportunità biex jagħmlu l-istess provi;.......

---

[23] *A fol.* 11 u 12.
[24] P.A. (GC), 09.03.2007.

Fir-raba’ lok il-konvenuti jsostnu li l-azzjoni hi insostenibbli stante li m’hemmx talba għal likwidazzjoni tal-wirt tad-decuius Fortunato Vella, liema talba għandha neċessarjament tippreċedi t-talba għal likwidazzjoni tal-leġittima.

F’dan ir-rigward il-konvenuti jissottomettu li l-mejjet Fortunato Vella kien miżżewweġ u martu kienet għadha ħajja meta huwa ġie nieqes. Għalhekk bejniethom, skont l-istess konvenuti, kienet għada tesisti l-komunjoni tal-akkwisti u għalhekk u biex eventwalment tista’ tiġi likwidata u stabilita l-pretensjoni tal-attriċi nomine, hu neċessarju illi l-ewwel tiġi likwidata l-imsemmija komunjoni tal-akkwisti u biss sussegwentement jista jiġi likwidat is-sehem spettanti lid-decuius u biss sussegwentement tista’ tiġi likwidata leġittima li tista tkun dovuta;.......

Inoltre l-kwistjoni ta’ likwidazzjoni ta’ wirt tad-decuius tista’ tkun inerenti fit-talba għal-likwidazzjoni tal-leġittima u għalhekk ma hemmx għalfejn issir talba *ad hoc* dwar il-likwidazzjoni tal-wirt tad-decuius;...”

Għaldaqstant l-imsemmija eċċezzjonijiet għandhom jiġu miċħuda.

Tqis illi kemm min-nota ta’ sottomissjonijiet tal-atturi u kemm mill-affidavits tagħhom, jittrapela illi l-atturi bħal donnhom kienu preokkupati li qiegħda tiġi allegata id-diżeredazzjoni tagħhom minn missierhom. Fix-xhieda tagħhom l-atturi għamlu enfasi kbira fuq kemm kienu *close* ma’ missierhom sal-mewt tiegħu. Fin-nota ta’ sottomissjonijiet tagħhom korrettement isostnu illi anki kieku kien hemm xi diżeredazzjoni, ladarba ma kinitx speċifikata r-raġuni, xorta hemm dritt tal-leġittima abbażi tal-artikolu 629 tal-Kodiċi Ċivili. Tant ma kienx hemm diżeredazzjoni, illi fit-testment ta’ missierhom tat-8 ta’ Mejju, 2009, l-atturi ġew innominati u appuntati bħala eredi universali ta’ missierhom f’każ li l-konvenuta tmut qabel id-decujus. L-atturi ressqu provi li juru li kienu qegħdin imantnu lil missierhom u anki lil martu sad-data tal-mewt tiegħu. Tqis illi din il-preokkupazzjoni tal-atturi kienet bla ebda bażi għax

finalment fl-eċċezzjonijiet tal-konvenuta bl-ebda mod ma ġie allegat illi d-decujus ried jidiżereda lill-atturi.

Il-konvenuta qiegħda teċċepixxi illi hija qatt ma ċaħdet lill-atturi li jieħdu l-leġittima spettanti lilhom skont il-liġi bir-regoli applikabbli għall-każ sabiex tiġi stmata din il-leġittima. Il-konvenuta ssostni li l-atturi rċevew mingħand id-decujus f'ħajtu beni, benefiċċji u ammonti sostanzjali. Waqt ix-xhieda tagħha l-konvenuta tgħid illi l-atturi rċevew mingħand id-decujus donazzjoni kull wieħed ta' Lm18,000.

L-artikoli rilevanti tal-Kodiċi Ċivili għall-kawża odjerna dwar id-dritt tal-leġittima huma s-segwenti[25]:

> "**615.** (1) Is-sehem riżervat huwa l-jedd fuq il-beni tal-mejjet riżervat mil-ligi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew ir-raġel jibqa' ħaj.
>
> (2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet. Mgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn:
>
> Iżda l-Qorti tista', fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu, tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta' imgħax li tista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139.
>
> **616.** (1) Is-sehem riżervat li jmiss lit-tfal kollha, kemm jekk imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ jew imnissla jew imwielda barra miż-

[25] Ara rigward il-kalkolu tal-leġittima wara donazzjonijiet, is-sentenza fl-ismijiet **Emanuel Cini *vs.* Paul Cini *et*** P.A., 18.04.2008 u dwar valutazzjoni tal-leġittima anki in konsiderazzjoni ta' donazzjonijiet, is-sentenza fl-ismijiet **Josephine mart Carmelo Cilia *vs.* Salvina mart Joseph Schembri *et*** P.A., 06.10.2004.

żwieġ jew adottati, għandu jkun terz tal-valur tal-beni jekk dawk it-tfal ma jkunux iżjed minn erba' fl-għadd jew nofs ta' dak il-valur jekk ikunu ħamsa jew iżjed.

(2) Is-sehem riżervat jinqasam f'ishma daqsinsew bejn it-tfal li jmisshom minnu.

(3) Jekk ma jkunx hemm ħlief tifel wieħed, dan jieħu waħdu t-terza parti kollha hawn qabel imsemmija.

**620.** (1) It-testatur ma jistax jgħabbi s-sehem riżervat b'xi piż jew kondizzjoni.

(2) Is-sehem riżervat jiġi kalkolat fuq l-assi kollu, wara li jitnaqqsu d-djun tal-assi u l-ispejjeż tal-funerali.

(3) Fl-assi jidħol dak kollu li minnu t-testatur, b'titolu gratuwitu, ukoll f'kontemplazzjoni ta' żwieġ, ikun iddispona favur ta' xi ħadd, minbarra l-ispejjeż tal-edukazzjoni tal-tfal jew dixxendenti oħra.

(4) Dak li jmissu s-sehem riżervat għandu jaqta' minnu dak kollu li jkun ħa mingħand it-testatur u li jkun suġġett għall-kollazzjoni taħt id-disposizzjonijiet tal-artikoli 913 sad-938.

(5) Il-persuna li jkollha jedd għas-sehem riżervat għandha tieħu akkont tas-sehem tagħha kull beni mħollija lilha b'testment u ma tista' tirrinunzja għal ebda disposizzjoni testamentarja favur tagħha u titlob is-sehem riżervat, sakemm dik id-disposizzjoni testamentarja ma ssirx f'użufrutt jew tkun tikkonsisti fil-jedd ta' użu jew abitazzjoni, jew tkun tikkonsisti f'renta vitalizja jew renta għal żmien limitat.

**1139.** Bla ħsara ta' kull disposizzjoni oħra tal-liġi dwar il-garanzija u s-soċjetà, jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bħala oġġett il-ħlas ta' somma determinata, id-danni li jiġu mid-dewmien tal-esekuzzjoni tagħha jkunu jikkonsistu biss fl-imgħaxijiet fuq is-somma li jkollha tingħata meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena. "

Abbażi ta' dawn id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili applikati għall-fattispeċi tal-kawża odjerna, din il-Qorti tqis illi l-uniku ass ereditarju tad-decujus fil-mument tal-mewt tiegħu u li fuqu għandu jiġi kkalkulat is-sehem riżervat (il-legittima) li huma intitolati għalih l-atturi, huwa l-appartament *flat* 3, Solar Mansions, Carmel Street, San Ġiljan, b'garaxx *basement level,* li kien inxtara mill-konjuġi Grima, il-konvenuta u decujus Joseph Grima, li jirriżulta li kien inbiegħ mill-konvenuta fit-22 ta' April, 2015 għall-prezz ta' €175,000. Il-leġittima f'dan il-każ hija ta' terz tas-sehem missier l-atturi, ċjoè €29,167 dovut fi kwoti ugwali (nofs kull wieħed) lill-atturi [€175,000 ÷ 2= €87,500 ÷ 3= €29,167 ÷ 2= €14,583.50] u ma' dan, l-imgħax ta' 8% skont l-artikolu 1139 tal-Kap. 16, mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni u dan minħabba li s-sehem riżervat intalab fi żmien sentejn mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni *ai termini* tal-artikolu 615(2) tal-istess Kap. 16.

Illi għar-rigward tat-tnaqqis skont l-artikolu 620(3) tal-Kap. 16 minħabba donazzjonijiet, minn dak li xehdet il-konvenuta, u li ġie kkontestat mill-attriċi Carol Ann Paulsen Grima, il-konvenuta ma pproduċietx id-dokumentazzjoni li kellha turi li tabilħaqq kienu saru d-donazzjonijet ta' Lm18,000 lil kull waħda mill-atturi, li semmiet waqt id-depożizzjoni tagħha u dan minkejja li qalet li kellha tagħmel ir-riċerki tagħha u għamlet jew kienet ser tagħmel talba għal informazzjoni lill-bank fl-Afrika t'Isfel.

Illi kwantu fuq min jinkombi l-piż probatorju, mill-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna u kif wara kollox jgħid ċar u tond l-artikolu 562 tal-Kap. 12, min jallega jrid jipprova dak li jallega, ossija *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*. Għalhekk filwaqt li l-atturi jridu jippruvaw dak li qegħdin

jasserixxu fit-talbiet tagħhom, il-konvenuta trid tissostanzja dak li qiegħda tallega fl-eċċezzjonijiet tagħha. Il-konvenuta meta xehdet quddiem il-Qorti, diġà ma kinitx korretta fir-rigward tas-somma totali li l-atturi vversaw lil żewġha u lilha bħala manteniment, kif wara kollox jirriżulta mill-i*statements* li ġew esebiti mir-rappreżentant ta' HSBC Bank Malta plc. Fl-eċċezzjonijiet tagħha l-konvenuta tgħid li meta rċeviet l-ittra uffiċjali tal-atturi, hija kienet għarrfet lill-atturi li kienet ser tagħmel riċerka dwar dawn id-donazzjonijiet *tramite* l-First National tal-Afrika t'Isfel. Ippromettiet li ġġib dawn il-provi quddiem il-Qorti, però minkejja li għaddew is-snin, din id-dokumentazzjoni ma ġietx prodotta. Dwar il-piż probatorju f'kawżi ċivili fuq minn jinkombi, ingħad illi:

> "F'kawżi ċivili l-attur li jallega li xi ħaġa ġratlu b'tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jġibx din il-prova l-azzjoni tiegħu ma jistax ikollha eżitu favorevoli, anke jekk il-konvenut ma jipprovax - għaliex legalment mhux obbligat li jipprova - li l-inċident ikun ġara tort tal-attur. Dan mhux għaliex it-tort għall-inċident ikun tal-attur imma sempliċement għaliex ma jkunx irnexxielu jipprova dak li allega bħala bażi tal-azzjoni tiegħu".
>
> Hekk ukoll hawn mhux qed jingħad li effettivament ma sarx xi manuvrar biex jiġi evitat li l-vapur jinqabad għad-djun preċedenti, iżda sempliċement li dan bl-ebda mod ma ġie ppruvat mis-soċjetà attriċi."[26]

Tqis għalhekk illi ma jistax jingħata valur probatorju lil dak li ntqal mill-konvenuta waqt ix-xhieda tagħha dwar l-allegati donazzjonijiet li saru lill-atturi minn missierhom, stante li dawn huma biss allegazzjonijiet li ma ġewx ippruvati u li huma kkontestati mill-kontropartijiet. Però l-istess għandu jingħad fir-rigward tas-somma żgħira li l-atturi qalu li kien fadal f'xi kont ta'

[26] **Dr. H. Lenicher *vs.* J. Camilleri,** P.A., 31.05.1972.

missierhom fl-Afrika t'Isfel. Din l-allegazzjoni wkoll ma tistax tammonta għal prova li fuqha jinħadmu l-assi ereditarji biex minnhom jitnissel l-ammont riżervat dovut lill-atturi u għaldaqstant anki dan m'għandux ikun ikkunsidrat għax mhux ippruvat.

Fl-aħħar nett għar-rigward tal-kont bankarju li kellu d-decujus ma' HSBC Bank Malta plc, l-atturi qed jippretendu li dan il-kont bl-ammont bilanċjali li kien fadal ta' €1,996.85 qabel ma ngħalaq mill-konvenuta, jiġi kkunsidrat bħala parti mill-assi ereditarji tad-decujus li fuqu jiġi kkalkkulat is-sehem riżervat. Il-konvenuta xehdet illi dan il-bilanċ kienet użatu għall-funeral ta' żewġha. Skont l-artikolu 620(2) tal-Kap. 16 l-ispejjeż tal-funeral iridu jitnaqqsu qabel ma jiġi kkalkulat is-sehem riżervat. Filwaqt li huwa minnu li l-konvenuta ma ppreżentat ebda prova dokumentali f'dan ir-rigward, però hu talment verosimili għall-Qorti li ntefqu dawn l-spejjeż għal funeral normali, li din is-somma mhux ser tintuża għall-finijiet ta' kalkolu tas-sehem riżervat.

Illi kwantu għall-eċċezzjoni tal-konvenuta li m'għandhiex tbati spejjeż stante li rriżulta li l-eżerċizzju li l-konvenuta allegatament kellha tagħmel biex tistabbilixxi s-sehem riżervat spettanti lill-atturi, ċjoè l-indaġini dwar is-somom allegatament mogħtija b'donazzjoni lill-atturi minn missierhom tul ħajtu, baqgħet ma saritx jew hekk saret ma kellha ebda eżitu, il-Qorti ma tistax lanqas tilqa' din l-eċċezzjoni.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuta;**

2. **Tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-atturi Carol Ann Paulsen Grima u Linda Theresa Isabel Grima kull waħda s-somma ta' erbatax-il elf, ħames mija u tlieta u tmenin Euro (€14,583) bħala s-sehem riżervat (leġittima) dovut lilhom mill-wirt ta' missierhom Joseph Grima, bl-imgħax legali ta' tmienja fil-mija (8%) mis-sbatax (17) ta' Jannar, elfejn u ħmistax (2015) sal-eventwali pagament.**

**Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta Anna Reitzia Grima.**

Moqrija.